SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

3 ta' Settembru 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Skart – Vjeġġi – Regolament (KE) Nru 1013/2006 – Skart suġġett għall-proċedura ta' notifika u ta' kunsens bil-miktub minn qabel – Artikolu 1(3) – Vjeġġi suġġetti għal rekwiżiti ta' approvazzjoni – Direttiva 2008/98/KE – Artikolu 5(1) – Kunċett ta' 'prodotti sekondarji' – Regolament (KE) Nru 1069/2009 – Il-punt 1 tal-Artikolu 3 – Kunċett ta' 'prodotti sekondarji mill-annimali' – Vjeġġi ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjali oħra"

Fil-Kawżi magħquda C-21/19 sa C-23/19,

li għandha bħala suġġett tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il-Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2018, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Jannar 2019, fil-proċeduri kriminali kontra

XN (C-21/19),

YO (C-22/19),

P. F. Kamstra Recycling BV (C-23/19),

fil-preżenza ta':

Openbaar Ministerie,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, I. Jarukaitis, E. Juhász, M. Ilešič u C. Lycourgos (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Diċembru 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal XN, YO u P. F. Kamstra Recycling BV, minn M. J. J. E. Stassen u R. Laan, advocaten,

– għall-Openbaar Ministerie, minn A. C. L. van Holland, bħala aġent,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman, C. S. Schillemans u H. S. Gijzen, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Gvern Franċiż, minn J. Traband, D. Colas, A.-L. Desjonquères u C. Mosser, bħala aġenti,

– għall-Gvern Awstrijak, minn J. Schmoll u G. Hesse, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Farrell, F. Thiran, u L. Haasbeek, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Marzu 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU 2006, L 190, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 334, p. 46 u fil-ĠU 2015, L 277, p. 61), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2012 tas-16 ta' Frar 2012 (ĠU 2012, L 46, p. 30) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1013/2006"), tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3), kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU 2009, L 300, p. 1).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra XN, YO u P. F. Kamstra Recycling BV rigward vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjali oħra mill-Pajjiżi l-Baxxi lejn il-Ġermanja.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1013/2006

3 L-Artikolu 1(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċeduri u reġimi ta' kontroll għall-vjeġġi ta' l-iskart, skond l-oriġini, id-destinazzjoni u r-rotta tal-vjaġġ, it-tip ta' skart trasportat u t-tip ta' trattament li għandu jiġi applikat fuq l-iskart fid-destinazzjoni tiegħu.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vjeġġi ta' skart:

a) bejn l-Istati Membri, fil-Komunità […]

[…]

3. Dan li ġej għandu jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

[…]

d) vjeġġi li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tar-Regolament [Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman (ĠU Edizzjoni bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 37, p. 92, rettifika fil-ĠU 2007, L 30, p. 3)];

[…]"

4 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1013/2006 jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1) 'skart' huwa kif definit fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2006/12/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (ĠU 2006, L 114, p. 9)];

[…]

34) 'vjeġġ' tfisser it-trasport ta' skart destinat għal irkupru jew rimi li huwa ppjanat jew li jseħħ:
a) bejn pajjiż u pajjiż ieħor; […]

[…]"

Id-Direttiva 2008/98

5 L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/98 jipprevedi:

"Dawn li ġejjin għandhom jiġu eskluzi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sal-punt li huma koperti minn leġiżlazzjoni Komunitarja oħra:

[…]

b) prodotti sekondarji mill-annimali inkluż prodotti pproċessati koperti mir-Regolament [Nru 1774/2002], ħlief dawk li huma destinati għall-inċinerazzjoni, għar-radam jew għall-użu f'impjant ta' bijogass jew ta' kompostaġġ;

[…]"

6 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'skart' tfisser kwalunkwe sustanza jew oġġett li d-detentur jarmi jew bi ħsiebu jew huwa meħtieġ li jarmi;

[…]"

7 Skont l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Prodotti sekondarji":

"1. Sustanza jew oġġett, li jirriżultaw minn proċess ta' produzzjoni, li l-għan primarju tagħhom mhuwiex il-produzzjoni ta' dak l-artikolu, jista' jitqies li mhuwiex skart kif imsemmi fil-punt (1) ta' l-Artikolu 3 iżda bħala prodott sekondarju biss jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) l-użu ulterjuri tas-sustanza jew l-oġġett ikun ċert;

b) is-sustanza jew l-oġġett jistgħu jiġu wżati direttament mingħajr kwalunkwe proċessar ulterjuri ħlief prattika industrijali normali;

ċ) is-sustanza jew l-oġġett huma prodotti bħala parti integrali ta' proċess ta' produzzjoni; u

d) l-użu ulterjuri jkun skond il-liġi, i.e. is-sustanza jew l-oġġett jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti kollha tal-prodott, dawk ambjentali u ta' protezzjoni tas-saħħa għall-użu speċifiku, u mhuwiex ser jirriżulta f'impatti ġenerali li jikkawżaw ħsara lill-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem.

[…]"

Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali

– Ir-Regolament Nru 1774/2002

8 Intitolat "Definizzjonijiet", l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1774/2002, kien jipprevedi:

"1. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id definizzjonijiet li ġejjin:

a) prodotti sekondarji ta' l-annimali: iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali riferiti fl-Artikoli 4, 5 u 6 mhux maħsuba għall-konsum uman, inklużi ova, embrijoni u semen;

[…]

d) Materjal ta' kategorija 3: prodotti sekondarji ta' l-annimali riferiti fl-Artikolu 6;

[…]"

9 L-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-Materjal ta' Kategorija 3", kien jipprevedi li "[m]aterjal ta' Kategorija 3 għandu jikkomprendi prodotti sekondarji ta' l-annimali tad-deskrizzjoni li ġejja, jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn". It-termini "jew xi materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn" kienu wkoll użati għad definizzjoni tal-materjal tal-Kategoriji 1 u 2, li jinsabu fl-Artikoli 4 u 5 ta' l-imsemmi regolament.

10 L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1774/2002, intitolat "Il-Kunsinna ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali u prodotti pproċessati lil Stati Membri oħra", kien jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li l-irċevuta ta' materjal tal-Kategoriji 1 u 2, prodotti pproċessati derivati minn dan il-materjal u proteina pproċessata tal-annimali kellha tiġi approvata mill-Istat Membru destinatarju. Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 8 kien jipprevedi li l-prodotti sekondarji mill-annimali u l-prodotti pproċessati msemmija fil-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu għandhom ikunu akkumpanjati minn dokument kummerċjali jew, fejn l-imsemmi regolament jipprevedih, ċertifikat tas-saħħa, u ttrasportati direttament lejn l-impjant destinatarju, li kellu jkun ġie awtorizzat skont l-istess regolament.

– Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009

11 Il-premessi 5, 6, 57 u 58 tar-Regolament Nru 1069/2009 jgħidu:

"(5) Ir-regoli tas-saħħa Komunitarji għall-ġbir, it-trasport, l-immaniġġar, it-trattament, it-trasformazzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin, it-tqegħid fis-suq, id-distribuzzjoni, l-użu jew ir-rimi tal-prodotti sekondarji tal-annimali għandhom jiġu stipulati f'qafas koerenti u komprensiv.

(6) Dawn ir-regoli ġenerali għandhom ikunu proporzjonati għar-riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali li jinħoloq minn prodotti sekondarji tal-annimali meta jiġu indirizzati mill-operaturi fi stadji differenti tul il-katina mill-ġbir għall-użu jew ir-rimi tagħhom. Ir-regoli għandhom iqisu wkoll ir-riskji għall-ambjent maħluqa matul dawn l-operazzjonijiet. Il-qafas Komunitarju għandu jinkludi regoli tas-saħħa fuq it-tqegħid fis-suq, inklużi l-kummerċ intrakomunitarju u l-importazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali, fejn xieraq.

[…]

(57) Għal raġunijiet ta' koerenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, hemm bżonn li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-iskart. […]

(58) Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li prodotti sekondarji tal-annimali mħallta jew ikkontaminati bi skart perikoluż, kif elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 78)], jiġu […] esportati […] biss bejn l-Istati Membri skont ir-Regolament [Nru 1013/2006]. […]"

12 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-saħħa pubblika u dik tal-annimali għall-prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minnhom, biex jiġu milqugħa minn qabel u minimizzati r-riskji għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali li ġejjin minn dawn il-prodotti, u b'mod partikolari biex titħares is-sikurezza tal-katina tal-ikel u tal-għalf."

13 L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. 'prodotti sekondarji mill-annimali' tfisser iġsma jew partijiet ta' annimali, jew prodotti li ġejjin mill-annimali, li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi ooċiti, embrijuni u semen;

[…]

27. 'skart' tfisser skart kif definit fil-,punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [2008/98]."

14 L-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kategorizzazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali u prodotti derivati", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-prodotti sekondarji mill-annimali għandhom jiġu kkategorizzati f'kategoriji speċifiċi li jirriflettu l-livell ta' riskju għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali li ġej minn dawn il-prodotti sekondarji mill-annimali, skont il-listi stabbiliti fl-Artikoli 8, 9 u 10."

15 Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedu, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet li fihom il-materjal fil-Kategoriji 1, 2 u 3, jekk ikun jikkostitwixxi skart, jintrema jew jiġi rkuprat permezz ta' koinċenerazzjoni.

16 L-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament, intitolat "Importazzjoni u transitu", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"B'deroga mill-paragrafu 1, l-importazzjoni u t-transitu ta':

[…]

b) prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati mħalltin jew kontaminati bi kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni [2000/532] għandu jseħħ biss suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament [Nru 1013/2006].

[…]"

17 L-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 1069/2009, intitolat "Esportazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 5 tiegħu:

"B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, l-esportazzjoni ta':

[…]

b) prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati mħalltin jew kontaminati bi kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni [2000/532] għandu jseħħ biss suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament [Nru 1013/2006]."

18 Skont l-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 1069/2009, intitolat "Kontrolli għad-dispaċċ lejn Stati Membri oħrajn":

"1. Meta operatur ikun bi ħsiebu jibgħat materjal tal-Kategorija 1, materjal tal-Kategorija 2 u ikel ta' laħam u għadam jew xaħam tal-annimali li jkun ġej minn materjali tal-Kategorija 1 u Kategorija 2 lejn Stat Membru ieħor, għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' destinazzjoni għandu jiddeċiedi mal-applikazzjoni mill-operatur, f'perjodu speċifiku ta' żmien:

a) li jirrifjuta l-wasla tal-konsenja;

b) li jaċċetta l-konsenja bla kondizzjoni; jew

c) li jirrikonoxxi r-riċezzjoni tal-konsenja tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:
   i) jekk il-prodotti derivati ma jkunux għaddew minn sterilizzazzjoni bil-pressa, ikollhom jgħaddu minn dan it-trattament; jew
   ii) il-prodotti sekondarji tal-annimali jew il-prodotti derivati jridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għad-dispaċċ tal-konsenja li jkunu ġġustifikati għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u tal-annimali sabiex jiġi żgurat li l-prodotti sekondarji tal-annimali u l-prodotti derivati jkunu maniġġati b'konformità ma' dan ir-Regolament.

[…]

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 sa 5, il-prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati msemmija fihom li tħalltu jew ġew ikkontaminati ma' kwalunkwe skart elenkat bħala perikoluż fid-Deċiżjoni [2000/532] għandhom jintbagħtu lejn Stati Membri oħrajn suġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament [Nru 1013/2006].

[…]"

– *Ir-Regolament (UE) Nru 142/2011*

19 Il-Kapitolu III tal-Anness VIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU 2011, L 54, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1084 tal-25 ta' Ġunju 2019 (ĠU 2019, L 171, p. 100), jinkludi mudell tad-dokument kummerċjali għat-trasport, fl-Unjoni Ewropea, ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' prodotti derivati mhux intiżi għall-konsum mill-bniedem, b'mod konformi mar-Regolament Nru 1069/2009. Dan id-dokument, li, skont il-punt 4 ta' dan il-Kapitolu III, għandu jakkumpanja il-prodotti sekondarji mill-annimali u l-prodotti derivati matul it-trasport tagħhom fl-Unjoni, isemmi, fin-nota tiegħu marbuta mal-kaxxa I.31 tiegħu, intitolata "Identifikazzjoni tal-[prodotti]", dan li ġej:

"[…] Daħħal prodott magħżul mil-lista li ġejja: […] [natura tal-prodott sekondarju mill-annimali jew tal-prodott derivat] imħallta ma' skart mhux perikoluż [il-kodiċi EURAL] […]".

Id-dritt Olandiż

20 L-Artikolu 1.1(6) tal-Wet milieubeheer (il-Liġi dwar l-Immaniġġar tal-Ambjent) jipprevedi:

"[…]F'kull każ, il-materjali, taħlitiet jew oġġetti li huma prodotti sekondarji fis-sens tal-Artikolu 5 tad-[Direttiva 2008/98] ma humiex ikkunsidrati bħala skart meta dawn il-prodotti sekondarji jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu ċċitat iktar 'il fuq u l-kriterji indikati għal dawn il-finijiet f'miżura ta' implimentazzjoni adottata skont l imsemmi artikolu tad-[Direttiva 2008/98] jew f'regolament adottata mill Uffiċċju tal-Prosekutur tagħna."

21 L-Artikolu 10.60(2) ta' din il-liġi jipprevedi:

"Hija pprojbita l-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet kif mfissra fl-Artikolu 2(35) tar-[Regolament Nru 1013/2006, li jiddefinixxi l-kunċett ta' 'vjeġġ illegali']."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

22 Fil-kuntest ta' tliet proċeduri kriminali, l-Openbaar Ministerie (l-Uffiċċju tal-Prosekutur, il-Pajjiżi l-Baxxi) jakkuża lil P. F. Kamstra Recycling kif ukoll lil XN u YO, żewġ persuni fiżiċi li jaħdmu għal din il-kumpannija (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"akkużati"), li, bejn l-10 ta' Ġunju 2011 u d-19 ta' Ġunju 2012, ittrasferixxew mill-Pajjiżi l Baxxi lejn il-Ġermanja, mingħajr notifika minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti u/jew skont ir-Regolament Nru 1013/2006, taħlita ta' salmura u ta' tessuti tal-annimali, taħlita ta' residwi ta' xaħam u ta' salmura, taħlita ta' ħama tad-drenaġġ u ta' skart ieħor (mhux magħruf), taħlita ta' ħama tad-drenaġġ u ta' skart (prodotti mill-ħalib), kif ukoll taħlita ta' ħama tat-trattament ta' ilma tal-iskart u ta' konċentrat tal-proteina.

23 Il-qorti tar-rinviju tindika li mill-inqas waħda jew tnejn minn dawn it-taħlitiet kienu jikkonsistu parzjalment fi prodotti sekondarji mill-annimali u parzjalment f'materjal ieħor, u li l-prodotti sekondarji mill-annimali, f'dan il-każ, kienu jikkonċernaw materjali tal Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1069/2009. L-imsemmija taħlitiet kienu intiżi sabiex jintużaw f'impjant ta' produzzjoni ta' bijogass fil-Ġermanja.

24 Din il-qorti tosserva li l-kwistjoni li tqum f'dawn il-kawżi hija dik dwar jekk il-vjeġġi ta' taħlitiet imsemmija fl-akkużi jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 jew f'dak tar-Regolament Nru 1069/2009.

25 Hija tindika li l-Uffiċċju tal-Prosekutur iqis li r-Regolament Nru 1013/2006 huwa applikabbli, peress li t-taħlitiet imsemmija b'dan il-mod għandhom dejjem jiġu kklassifikati bħala "skart". Fl-opinjoni tiegħu, il-kwistjoni dwar jekk humiex prodotti sekondarji mill-annimali għandha tiġi evalwata skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, u abbażi tad-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar Regolament Nru 1069/2009.

26 Il-qorti tar-rinviju żżid li l-akkużati jqisu li f'dan il-każ huwa r-Regolament Nru 1069/2009 li għandu jiġi applikat u mhux ir-Regolament Nru 1013/2006, għaliex it-taħlitiet imsemmija fl-akkużi jikkostitwixxu prodotti sekondarji mill-annimali. Fil-fatt, fil-qasam ta' prodotti sekondarji mill-annimali, ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevali fuq ir-Regolament Nru 1013/2006. F'dan ir-rigward, l-akkużati jibbażaw id-dikjarazzjoni li t-taħlitiet imsemmija jikkostitwixxu prodotti sekondarji mill-annimali fuq id-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-regolament preċedenti dwar il-prodotti sekondarji mill-annimali, jiġifieri, ir-Regolament Nru 1774/2002. Skont dan l-aħħar regolament, il-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" jinkludi wkoll "kull materjal/taħlita li tinkludi prodotti sekondarji mill-annimali".

27 Il-qorti tar-rinviju tispeċifika li l-akkużati jallegaw li, minkejja li r-Regolament Nru 1069/2009 ma għadux isemmi li materjali li jinkludu prodotti sekondarji mill-annimali għandhom jiġu kklassifikati bħala prodotti sekondarji mill-annimali, huwa madankollu ma kienx intiż sabiex jemenda d-definizzjoni ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-Regolament Nru 1774/2002. Insostenn ta' din il-pożizzjoni, l-akkużati rreferew għar-rapport tal-esperti tal-10 ta' Marzu 2016, li ġie ordnat, fl-ewwel istanza, mir-rechtbank Gelderland (il-Qorti ta' Gueldre, il Pajjiżi l-Baxxi). B'hekk, it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali (bl-esklużjoni ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali li fihom skart perikoluż) jaqgħu wkoll fid-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", li tinsab fir-Regolament Nru 1069/2009, mingħajr distinzjoni dwar il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita meta mqabbla ma' materjali oħra.

28 Peress li r-rechtbank Gelderland (il-Qorti ta' Gueldre) segwit il-parir mogħti fl-imsemmi rapport tal-esperti, hija lliberat lill-akkużati mill-fatti li bihom kienu akkużati. L-Uffiċċju tal-Prosekutur għalhekk ippreżenta appell minn dawn is-sentenzi liberatorji quddiem il-qorti tar-rinviju.

29 Din tal-aħħar tosserva li mill-kuntest ġuridiku rilevanti jirriżulta li r-Regolament Nru 1013/2006 ma japplikax għall-vjeġġi li huma suġġetti għar-reġim ta' rekwiżiti li għalihom hija suġġetta l-approvazzjoni skont ir-Regolament Nru 1069/2009. Fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, li jqis li materjal li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, jikkostitwixxi "skart", li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, qabelxejn, dwar kif il-kunċett ta' "prodotti sekondarji", li jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/98, jirrelata ma' dak ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", li jinsab fir-Regolament Nru 1069/2009. B'mod partikolari, hija tistaqsi jekk materjal, li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens ta' din id-direttiva, jistax xorta waħda jiġi kkunsidrat bħala "prodott sekondarju mill-animali", fis-sens ta' dan ir-regolament u, għalhekk, ikun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 skont l-Artikolu 1(3) tiegħu.

30 Sussegwentement, skont il-qorti tar-rinviju, għandu jiġi interpretat l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 sabiex jiġi stabbilit kif għandha tinftiehem l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament tal-vjeġġi li huma suġġetti għar-rekwiżiti li għalihom hija suġġetta l-approvazzjoni skont ir-Regolament Nru 1069/2009. F'dan ir-rigward, tqum il-kwistjoni dwar jekk din l-esklużjoni tikkonċernax it-trasport bejn żewġ Stati Membri ta' prodotti sekondarji mill-annimali, indipendentement mill-kategorija li fihom jaqgħu dawn il-materjali, jew jekk it-trasport ta' materjali msemmija fl-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 1069/2009, li huma limitati għall-"prodotti sekondarji

mill-annimali" jew għall-"prodotti derivati", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri materjali tal-Kategorija 1, materjali tal-Kategorija 2, u ċerti prodotti derivati minnhom, inklużi proteini mill-annimali pproċessati derivati minn materjali tal-Kategorija 3.

31 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tkopri wkoll il-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' materjali oħra u, jekk fl-affermattiv, jekk il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita meta mqabbla mal-materjali l-oħra hijiex rilevanti.

32 Skont din il-qorti, f'dan ir-rigward, għandu jiġi stabbilit jekk id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali" li tinsab fir-Regolament Nru 1069/2009 tikkostitwixxix emenda sostantiva meta mqabbla ma' dik li tinsab fir-Regolament Nru 1774/2002, fis-sens li, taħt ir-Regolament Nru 1069/2009, kwantità ta' materjali mħallta ma' kwantità ta' prodott sekondarju minn annimali, tkun xi tkun il-proporzjon bejn dawn iż-żewġ kwantitajiet, ma tistax tibqa' tiġi kklassifikata bħala "prodott sekondarju mill-animali", b'tali mod li l-vjeġġ ta' tali taħlita jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006. Hija tafferma li interpretazzjoni letterali ta' din id-definizzjoni li tinsab fir-Regolament Nru 1069/2009 twassal għall-konklużjoni li dan ir-regolament kien intiż sabiex jintroduċi din l-emenda, iżda li, min-naħa l-oħra, abbażi tal-argumenti msemmija hawn fuq, li huma bbażati fuq ir-rapport tal-esperti, hija l-konklużjoni kuntrarja li tista' tiġi dedotta.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechtshof Arnhem-Leeuwarden (il Qorti tal-Appell ta' Arnhem-Leeuwarden) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi segwenti lill-Qorti tal Ġustizzja:

"1) Bid-definizzjoni tagħha, sustanza li ma hijiex prodott sekondarju fis-sens tad-Direttiva 2008/98 lanqas ma tikkostiwixxi prodott sekondarju tal-annimali fis-sens tar-Regolament Nru 1069/2009, hekk li din is-sustanza ma hijiex eskluża mill-applikazzjoni tar Regolament 1013/2006 skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament 1013/2006? Jew, ma huwiex eskluż li sustanza li taqa' fid-definizzjoni ta' 'prodotti sekondarji tal-annimali' fis-sens tar-Regolament 1069/2009 meta ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, hekk li din il-materja ma taqax strettament taħt ir-Regolament 1013/2006?

2) X'għandu jinftiehem bil-kunsinni li huma suġġetti għar-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (issa r-Regolament 1069/2009) fis-sens tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament 1013/2006: huwa t-trasport (bejn pajjiż u pajjiż ieħor) ta' prodotti sekondarji tal-annimali, irrispettivament mill-kategorija li taħtha jaqgħu dawn is-sustanzi? Jew, it-trasport ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 (li kien l-Artikolu 8 tar-Regolament 1774/2002), sustanzi limitati għall-prodotti sekondarji tal-annimali jew għall-prodotti dderivati fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, għaldaqstant sustanzi tal-Kategorija 1, sustanzi tal-Kategorija 2, u ċerti prodotti derivati minnhom, inklużi proteini pproċessati tal-annimali dderivati minn sustanzi tal-Kategorija 3?

3) Jekk, permezz ta' kunsinni li huma suġġetti għar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (li sar ir-Regolament 1069/2009), fis-sens tal-Artikolu 1(3), *initio* u subparagrafu (d) tar-Regolament 1013/2006, għandu jinftiehem it-trasport (bejn pajjiż u ieħor) ta' prodotti sekondarji tal-annimali, irrispettivament mill-kategorija li taħtha jaqgħu dawn is-sustanzi, l-Artikolu 1(3), *initio* u subparagrafu (d) tar-Regolament 1013/2006 għandu wkoll jiġi interpretat fis-sens li t-trasferimenti ta' taħlit ta' prodotti sekondarji tal-annimali u ta' sustanzi oħra u, jekk iva, il-proporzjon li l-prodotti sekondarji tal-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita huwa relattiv għal sustanzi oħra li huma rilevanti? Jew, prodott sekondarju tal-annimali jitlef il-karattru ta' prodott sekondarju tal-annimali fis-sens tar-Regolament 1069/2009 u jsir skart fis-sens tal-Regolament 1013/2006 minħabba li jitħallat ma' sustanza oħra?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

34 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 u l-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009 għandhomx jinqraw fis-sens li materjal li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens tal-ewwel dispożizzjoni, jista' madankollu jitqies bħala "prodott sekondarju mill-annimali", fis-sens tat-tieni waħda mill-imsemmija dispożizzjonijiet.

35 Minn naħa, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, "prodott sekondarju" huwa sustanza jew oġġett li jirriżulta minn proċess ta' produzzjoni li l-għan prinċipali tiegħu ma huwiex li tiġi prodotta din is-sustanza jew dan l-oġġett u li jissodisfa numru ta' kundizzjonijiet elenkati f'dan l-Artikolu 5(1)(a) sa (d). Barra minn hekk, skont il-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009, il-"prodotti sekondarji mill-annimali" huma iġsma sħaħ jew partijiet ta' annimali, prodotti li ġejjin mill-annimali, jew prodotti oħra miksuba mill-annimali, li ma humiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ooċiti, l-embrijuni u s-semen. Għalhekk, minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet jirriżulta li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kunċett ta' "prodotti sekondarji", li jinsab fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98, u dak ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", iddefinit fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009, ma jikkoinċidux u bl-ebda mod ma jirreferu għal xulxin.

36 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 jipprovdi li materjal li jikkostitwixxi "prodott sekondarju", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ma jitqiesx bħala skart li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Għalhekk, skont l-imsemmija dispożizzjoni, il-kunċetti ta' "prodott sekondarju" u ta' "skart", li jinsabu fid-Direttiva 2008/98, jeskludu reċiprokament lil xulxin.

37 Min-naħa l-oħra, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikoli 12 sa 14 tar-Regolament Nru 1069/2009, meta dawn jipprevedu, fost l-oħrajn, il-kundizzjonijiet li fihom prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategoriji 1, 2 u 3, jekk jikkostitwixxu skart, jintremew jew jiġu rkuprati permezz ta' koinċenerazzjoni, li l-"prodotti sekondarji mill-annimali", fis-sens ta' dan ir-regolament, jistgħu jikkostitwixxu "skart", fis-sens tad-definizzjoni li tinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98, li għaliha jirreferi l-punt 27 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009.

38 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98 u l-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li materjal li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jista' madankollu jitqies bħala "prodott sekondarju mill-annimali", fis-sens tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fuq it-tieni domanda

39 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, il-vjeġġi kollha ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 jew biss uħud minn dawn il-vjeġġi, li jissodisfaw kundizzjonijiet speċifiċi imposti minn dan ir-regolament imsemmi l-aħħar.

40 Għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrispondiet għal din id-domanda fis-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood (C-634/17, EU:C:2019:443), li ngħatat wara d-data tat-tressiq ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

41 F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi b'mod espliċitu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

42 Dawn il-każijiet huma dawk li jinsabu fl-Artikolu 41(2)(b), fl-Artikolu 43(5)(b) u fl-Artikolu 48(6) tar-Regolament Nru 1069/2009, li jirrigwardaw prodotti sekondarji mill-annimali mħallta ma', jew ikkontaminati bi, skart perikoluż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood, C-634/17, EU:C:2019:443, punti 53 sa 55).

43 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni biss il-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali suġġetti għall-proċedura prevista fl-Artikolu 48(1) tar-Regolament Nru 1069/2009, jiġifieri l-materjali tal-Kategoriji 1 u 2, fis-sens tal-Artikoli 8 u 9 ta' dan ir-regolament, kif ukoll ċerti prodotti derivati minn dawn il-materjali, bl-esklużjoni tal-prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament, li jibqgħu suġġetti għar-Regolament Nru 1013/2006 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood, C-634/17, EU:C:2019:443, punt 60).

44 Konsegwentement, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 u, għaldaqstant, tal-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1069/2009, il-fatt li l-materjal ikkonċernat jagħmel parti mill-Kategorija 1, mill-Kategorija 2 jew mill-Kategorija 3 huwa irrilevanti.

45 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi b'mod espliċitu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006.

Fuq it-tielet domanda

46 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tinftiehem billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni, miġbura fil-qasir fil-punti 22 u 23 ta' din is-sentenza, li ġiet ipprovduta mill-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-materjali li huma s-suġġett tal-vjeġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dik il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tapplika għall-vjeġġ ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1069/2009, u materjali oħra, ikklassifikati bħala skart mhux perikoluż, fis-sens tar-Regolament Nru 1013/2006, u, fl-affermattiv, jekk il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita hijiex ta' importanza f'dan ir-rigward.

47 Sa fejn, kif tfakkar fil-kuntest tal-eżami tat-tieni domanda, l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament il-vjeġġ ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009, ħlief fil-każijiet fejn dan ir-regolament imsemmi l-aħħar jipprevedi b'mod espliċitu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, għandu jiġi stabbilit, sabiex tingħata risposta għat-tielet domanda, jekk ir-Regolament Nru 1069/2009 huwiex applikabbli għal taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż.

48 Il-kunċett ta' "prodotti sekondarji mill-annimali", kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament Nru 1774/2002, moqri flimkien mal-Artikoli 4, 5 u 6 ta' dan ir-regolament, kien jinkludi "[kull] materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn". Madankollu, id-definizzjoni tal-kunċett ta'

"prodotti sekondarji mill-annimali", prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1069/2009, u l-Artikoli 8, 9 u 10 ta' dan ir-regolament, li jirreferu, rispettivament, għall-materjali tal-Kategoriji 1, 2 u 3, ma jispeċifikawx b'mod iktar espliċitu li huma jinkludu "[kull] materjal li jikkontjeni prodotti sekondarji bħal dawn".

49 Madankollu, minn dan ma jirriżultax li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jeskludi mis-sistema stabbilita permezz tar-Regolament Nru 1069/2009 l-prodotti sekondarji mill-annimali li huma mħallta ma' materjali oħra.

50 F'dan ir-rigward, għandu, fl-ewwel lok, jiġi kkonstatat li, l-Artikolu 41(2)(b), u l-Artikolu 43(5)(b) tar-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedu, rispettivament, li l-importazzjoni u t-tranżitu, minn naħa, kif ukoll l-esportazzjoni, min-naħa l-oħra, ta' prodotti sekondarji mill-annimali mħallta ma' kwalunkwe skart ikklassifikat bħala perikoluż mid-Deċiżjoni 2000/532, jew ikkontaminat b'tali skart, isiru, b'deroga, biss mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1013/2006.

51 B'mod simili, il-paragrafu 6 tal-Artikolu 48 tar-Regolament Nru 1069/2009 jispeċifika li, b'deroga mill-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-artikolu, il-prodotti sekondarji mill-annimali jew il-prodotti derivati koperti minn dawn il-paragrafi, jiġifieri l-materjali tal-Kategoriji 1 u 2 kif ukoll ċerti prodotti derivati minn dawn il-materjali, imħallta ma' jew ikkontaminati b'tali skart perikoluż, jintbagħtu lejn Stati Membri oħra biss mingħajr preġudizzju għar-Regolament Nru 1013/2006.

52 Issa, kieku t-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart kienu f'kull każ esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, l-inklużjoni f'dan tal-aħħar ta' dispożizzjonijiet ta' deroga rigward it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart perikoluż ma kinitx tkun neċessarja.

53 Fit-tieni lok, il-fatt li t-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huwa kkonfermat, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 83 tal-konklużjonijiet tiegħu, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 142/2011, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 2019/1084. Fil-fatt, minkejja li t-tibdil li sar permezz ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ma huwiex applikabbli għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat li r-Regolament Nru 142/2011, fl-Anness VIII, Kapitolu III tiegħu, issa jinkludi mudell tad-dokument kummerċjali għat-trasport, fl-Unjoni, ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' prodotti derivati mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem, skont ir-Regolament Nru 1069/2009, fejn jissemmew b'mod espliċitu, fost l-oġġetti li għandhom ikunu akkumpanjati minn dan id-dokument kummerċjali matul it-trasport tagħhom fl-Unjoni, it-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż.

54 Fit-tielet lok, għandu jiġi osservat, kif fakkar l-Avukat Ġenerali fil-punti 73 u 74 tal-konklużjonijiet tiegħu, li mix-xogħol preparatorju marbut mar-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni eżamina b'mod speċifiku l-kwistjoni tas-sistema applikabbli għall-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż u eskluda li dawn it-taħlitiet jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ta' deroga tal-Artikolu 41(2)(b), tal-Artikolu 43(5)(b) u tal-Artikolu 48(6) ta' dan ir-regolament, u b'hekk eskluda li l-vjeġġi tagħhom ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1013/2006.

55 B'dan il-mod, kemm mill-eżistenza ta' dispożizzjonijiet li jipprevedu sistema' ta' deroga applikabbli għat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart perikoluż kif ukoll minn eżami tar-Regolament Nru 142/2011 u tal-oriġini tar-Regolament Nru 1069/2009 jirriżulta li dan tal-aħħar japplika għall-vjeġġ tat-taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart mhux perikoluż.

56 Fir-raba' lok, għandu jiġi osservat li din il-konklużjoni hija tali li tissalvagwardja l-effettività tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1069/2009, moqrija fid-dawl tal-għan segwit permezz ta' dan ir-regolament.

57 Fil-fatt, l-imsemmi regolament huwa intiż, minn naħa, sabiex jistabbilixxi qafas koerenti u komplet ta' regoli tas-saħħa applikabbli b'mod partikolari għat-trasport tal-prodotti sekondarji mill-annimali, li jkunu fi proporzjon mar-riskji għas-saħħa li tikkawża l-manipulazzjoni ta' dawn il-prodotti sekondarji minn operaturi fid-diversi stadji tal-katina, mill-ġbir tagħhom sal-użu tagħhom jew sar-rimi tagħhom, u li jieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji għall-ambjent marbuta mad-diversi operazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-premessi 57 u 58 tar-Regolament Nru 1069/2009, dan huwa intiż ukoll, fl-interess ta' koerenza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sabiex jiċċara l-interazzjonijiet bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, b'mod partikolari r-Regolament Nru 1013/2006, fir-rigward tal-esportazzjoni, tal-importazzjoni u tal-vjeġġi bejn żewġ Stati Membri ta' prodotti sekondarji mill-annimali (is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood, C-634/17, EU:C:2019:443, punt 49).

58 Għaldaqstant, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni, permezz tar-Regolament Nru 1069/2009, adottat wara r-Regolament Nru 1013/2006, li jistabbilixxi qafas komplet ta' regoli applikabbli għat-trasport ta' prodotti sekondarji mill-annimali u jeżenta, ħlief fil-każ ta' deroga espliċita, il-vjeġġ tal-prodotti sekondarji mill-annimali li huwa jkopri mill-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006 (is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2019, ReFood, C-634/17, EU:C:2019:443, punt 56).

59 Għaldaqstant, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 81 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jdaħħal il-vjeġġi kollha ta' prodotti sekondarji mill-annimali, inklużi l-vjeġġi ta' tali prodotti sekondarji mħallta ma' skart, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1069/2009, filwaqt li jissuġġetta għas-sistema speċjali prevista mir-Regolament Nru 1013/2006 l-vjeġġi ta' taħlitiet ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' skart perikoluż.

60 Għandu jiġi speċifikat li, fl-assenza ta' indikazzjonijiet f'dan ir-rigward fir-Regolamenti Nri 1013/2006 u 1069/2009, dawn għandhom jitqiesu li ma jipprevedu l-ebda limitu minimu fir-rigward tal-proporzjon ta' prodotti sekondarji mill-annimali preżenti f'taħlita ta' dawn il-prodotti u ta' skart mhux perikoluż sabiex l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 u s-sistema stabbilita permezz tar-Regolament Nru 1069/2009 jkunu applikabbli.

61 Din il-kjarifika hija, madankollu, mingħajr preġudizzju għall-obbligu, tal-korpi amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti, li japplikaw is-sistema stabbilita permezz tar-Regolament Nru 1013/2006 għas-sitwazzjonijiet li fihom jirriżulta, minn indikazzjonijiet konkreti, rilevanti u konsistenti, li l-operatur ikkonċernat daħħal, fi skart li huwa s-suġġett ta' vjeġġ, kwantità ta' prodotti sekondarji mill-annimali li l-preżenza tagħhom hija ġġustifikata biss bl-għan li jiġi evitat ir-Regolament Nru 1013/2006 u li jikkawża, b'mod artifiċjali, l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 1069/2009.

62 Fil-fatt, f'tali każijiet, li jiżvelaw l-eżistenza ta' prattika abbużiva, il-bżonn li tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jitlob l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, peress li s-suġġett u l-iskop ta' dan jipprevalu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, fuq dawk tar-Regolament Nru 1069/2009.

63 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tapplika għall-vjeġġ ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1069/2009, u ta' materjali oħra, ikklassifikati bħala skart mhux perikoluż, fis-sens tar-Regolament Nru 1013/2006. Il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, u l-punt 1 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali), għandhom jiġu interpretati fis-sens li materjal li ma jistax jiġi kklassifikat bħala "prodott sekondarju", fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, jista' madankollu jitqies bħala "prodott sekondarju mill-annimali", fis-sens tat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.**

2) **L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 135/2012 tas-16 ta' Frar 2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-vjeġġi ta' prodotti sekondarji mill-annimali li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1069/2009 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012, ħlief fil-każijiet fejn ir-Regolament Nru 1069/2009 jipprevedi b'mod espliċitu l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012.**

3) **L-Artikolu 1(3)(d) tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tapplika għall-vjeġġ ta' taħlita ta' prodotti sekondarji mill-annimali tal-Kategorija 3, fis-sens tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1069/2009, u ta' materjali oħra, ikklassifikati bħala skart mhux perikoluż, fis-sens tar-Regolament Nru 1013/2006, kif emendat bir-Regolament Nru 135/2012. Il-proporzjon li l-prodotti sekondarji mill-annimali jirrappreżentaw fit-taħlita ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.**

Firem